MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Numru 174/2010

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

vs

John Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 648358(M), akkuzat li fit-22 ta' Mejju 2009 ghal habta tal- 10.00:

1. kkaguna kelb illi jsofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm arma tan-nar mhux fil-fond approvat mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jhares xi wahda mil-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja tal-armi mahruga mill-kummissjaru tal-Pulizija.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal- 14 ta' Frar 2012 jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati. Tqis it-tieni u t-tielet imputazzjoni assorbiti.

Rat l-Artikolu 8(2) u 45 tal-Kap 439, l-Artikolu 5 (3) u 51 (9) tal-Kap 480, l-Artikolu 17 tal-Kap 9 tikkundannah multa kumplessiva tal- €2000 u sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal- Artikolu 28A tal-Kap 9 tissosospendihom ghal sentejn mill lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------